MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 856/1995/1

***Avukat Dottor Tonio Azzopardi***
***vs***
***Olaf A.Cini***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta: billi hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) procedimenti kriminali kontra l-konvenut fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Olaf A.Cini" dwar akkuza ta' bigamija; billi l-attur kien id-difensur tal-konvenut f' din il-kawza u f' diversi proceduri gudizzjarji ohra li kienu jinvolvu lill-istess Olaf Cini; billi kif gie imxandar fl-istampa fil-21 ta' Gunju 1995, fil-jum ta' qabel, jigifieri fl-20 ta' Gunju saru mill-konvenut fl-Awla tal-Qorti dikjarazzjonijiet ingurjuzi maghmula verbalment u in parti registrati bil-miktub, bil-hsieb li jtellef il-gieh u r-reputazzjoni ta' l-attur; billi f' dik is-seduta ma nstemghux xhieda; billi l-imgieba tal-konvenut tikkostitwixxi r-rea ta' Ingurja kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali; billi l-attur bhala parti

offiza ghandu dritt ghad-danni naxxenti minn reat a tenur ta' l-Artikolu tal-Kodici Civili; billi bil-malafama li l-konvenut ta lill-attur ikkawzalu hsara kbira; talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

**1.** Tiddikjara li l-konvenut ingurja gravament lill-attur permezz ta' dikjarazzjonijiet verbali u in parte registrati bil-miktub maghmulin f' awla ta' Qorti fl-20 ta' Gunju 1995, u ghalhekk tiddikjarah responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali;

**2.** Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

**3.** Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi dikjara bhala dovuta in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inklus hlas ta' VAT u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni – bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat[1] bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz, dan baqa' kontumaci;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat l-affidavits presentanti, u semghet il-provi bil-gurament;
Rat in-nota tal-osservazzjoni tal-attur;
Ikkunsidrat:-
***Kwadru tal-fatti***
Illi din il-kawza hija bazata fuq allegazzjoni li, saret mill-konvenut, mill-bank tal-imputati, fil-konfront tal-attur f' awla ta' qorti waqt li kien qed jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f' sede kriminali, il-kaz ta' bigamija kontra l-konvenut, liema kaz kien qed jinstema' bil-miftuh u prezenti fl-awla, dak il-hin kien hemm membri tal-pubbliku kif ukoll membri tal-press. Di fatti d-diskors li qal il-konvenut gie sostanzjalment ppubblikat l-ghadha f' zewg

[1] Vide riferta posittiva - 4 ta' Marzu 1998 – fol.2 *et seq*

gazzetti lokali, u precisament fil-gazzetta *The Times* u f' *In-Nazzjon.*

Illi bazikament l-allegazzjoni li ghamel il-konvenut, kienet fis-sens li l-attur ma riedx jidhirlu ghal dik is-seduta peress li l-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallsu s-somma ingenti ta' flus li l-attur kien qed jippretendi minghandu bhala hlas ta' servizzi professjonali. Skond ix-xhieda tal-Ispettur Peter Paul Zammit[2], id-diskors tal-konvenut fl-awla kien fis-sens li huwa li kien diga' hallas lill-attur is-somma ta' Lm3,200 izda l-attur kien qed jippretendi li jithallas somma ulterjuri ta' Lm6,000. Ix-xhud ikkonferma li meta l-konvenut qal dan id-diskors huwa ma kienx fuq il-pedana tax-xhieda izda kien qed jirrispondi fl-awla ghad-domanda tal-Magistrat sedenti ghaliex kien deher quddiem il-Qorti mhux assistit b' difensur.

Illi fl-affidavit[3] u fid-deposizzjoni[4] tieghu quddiem din il-Qorti, l-attur spejga li meta l-konvenut kien gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa kien gie mitlub biex jassistih, u di fatti kien deher ghal diversi seduti tul il-kumpilazzjoni u anke ghamel trattazzjoni tal-kaz. L-attur spjega wkoll li, minbarra dawn il-prestazzjonijiet huwa kien ghamel hafna prestazzjonijiet professjonali ohra lill-konvenut. Di fatti dana kien tah xi flus akkont, izda kien ghad fadallu jaghtih bilanc ta' Lm2,500. Illi ghalkemm il-konvenut kien ilu zmien twil jippremetti lill-attur li kien ser jhallsu dan il-bilanc, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk f' wahda mis-seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa kien rregistra verbal fis-sens li ma kienx ser jibqa' jassisti lill-konvenut f' dak il-kaz, peress li dana ma kienx ghadu hallsu. Sussegwentement l-attur sar jaf li fis-seduta ta' wara, meta allura l-attur ma kienx prezenti fl-awla ghar-raguni fuq indikata, il-konvenut qal lill-Magistrat sedenti *'in open court'* li l-attur ma riedtx jibqa' jidhrilu peress li kien qed jitlob somma ingenti ta' flus, li fil-gazzetti lokali giet indikata fl-ammont ta' Lm10,000.

---

[2] fols.57 *et seq.*
[3] fol.29 - 31
[4] fol.68 - 69

Illi l-attur cahad kategorikament din l-allegazzjoni u sostna li l-bilanc dovut lilu, u li hu kien qed jitlob minghand il-konvenut kien ta' Lm2,500 u mhux ta' Lm6,000 kif qal il-konvenut fl-awla.

L-attur spejga li rizultat ta' din l-allegazzjoni ingurjuza li saret mill-konvenut fil-konfront tieghu, huwa sofra dannu fir-reputazzjoni u l-*'image'* professjonali tieghu, u inoltre kien gie avvicinat mill-President tal-Kamra tal-Avukati ta' dak iz-zmien u wkoll gie investigat mill-Kumitat tal-Avukati tal-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja; u, ghalkemm hadd ma sab htija fil-konfront tieghu, huwa kellu jimpjega hafna hin biex jipprepara l-kaz tieghu f"dan ir-rigward, b' hekk *"hela hafna mill-hin lavorativ tieghu".*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li mill-provi, mhux kontestati, prodotti mill-attur il-fatti esposti minnu jinsabu sodisfacentement provati, senjatament il-fatt li l-konvenut, mill-bank tal-imputati, ghamel dik l-allegazzjoni inveritiera fil-Qorti dwar l-ammont li kien dovut u kien qed jigi rikjest mill-attur. Irrizulta provat ukoll li l-awla kienet accessibbli ghall-membri tal-pubbliku u kien hemm prezenti membri tal-press. Fil-fatt l-incident gie rapportat l-ghadha f' zewg gazzetti lokali. Dawn il-fatti gew konfermati mill-attur bil-gurament, konfortat mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur fil-kawza in kwistjoni. Minn naha tieghu, il-konvenut baqa' kontumaci f' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant il-fatt *ut sic* tal-ingurja – u cioe' li saret allegazzjoni nveritiera li tnaqqas il-gieh u r-reputazzjoni tal-attur partikolarment dik professjonali – tirrizulta sodisfacentment provata.

Illi fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li l-azzjoni odjerna mhiex bazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Istampa[5]li jiddixxiplina l-kuncett ta' maltafama kommess permezz ta' pubblikazzjoni, kitba jew xandir, izda l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq il-principji generali li jirregolaw il-kuncett tad-danni kontemplati fl-Artikoli 1029 sa 1051tal-Kodici Civili, that l-intestatura *"Of Torts and Quasi Torts".*

[5] Kap.248

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-azzjoni kif proposta mill-attur, huwa mehtieg li dana jipprova l-esistenza tas-segwenti fatturi: (1) Il-fatt illegali dannus; (2) Illi rizultat ta’ dan il-fatt huwa sofra danni materjali konsegwenzjali; u (3) Il-prova dwar il-misura tad-danni.

Dan qed jinghad ghax fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, l-attur spjega l-pretensjoni tieghu fis-segwenti termini: *“F’ dan il-kaz kien hemm hsara materjali ghaliex l-esponent hela hafna mill-hin lavorativ tieghu, kif ukoll hsara b’ konsegwenza diretta tar-reat ta’ malafama…………Illi l-esponent ghandu dritt ghar-riparazzjoni tal-hsara rizultanti mill-ingurja li saritlu u ghal risarciment xieraq”*[6] Inoltre, l-attur qed jippretendi li din il-Qorti tillikwida d-danni billi tasal ghal somma *arbitrio boni viri*, wara li tiehu konjizzjoni tac-cirkostanzi ta’ fatt relatati mal-incident u elenkati minnu fl-istess nota tieghu. In fine, huwa kkwota sentenza[7] fejn din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet kkundannat kwantifikat id-danni rizultanti minn malafama fl-ammont ta’ Lm1,500.

Illi qabel xejn f’ dan ir-rigward jigi rilevat li, l-azzjoni fil-kawza indikata minnu tirrigwarda malafama bazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Istampa, u li ghalhekk d-danni moghtija kienu regolati b’ regim differenti bhala dak li ghaliha japplika fil-proceduri odjerni li huwa r-regim tal-principji generali dwar id-danni, kontenuti fil-Kodici Civili. Ghalhekk kull referenza ghal din is-sentenza hija rrelevanti ghall-kawza in disamina.

Illi skond il-principji generali tad-danni, l-ewwel fattur li jirid jirrikorri sabiex tissussiti l-azzjoni huwa l-event illegali dannus li f’ dan il-kaz jikkonsisti fl-allegazzjoni inveritiera maghmula f’ post pubbliku fil-prezenza ta’ gurnalisti. Il-Qorti hija sodisfatta li dan l-element jissussisti fil-forma ta’ ingurja gravi.

Illi lt-tieni element rikjest mill-ligi huwa l-prova tad-danni materjali konsegwenzjali, u cioe’ li rizultat ta’ dak l-att illegali, l-attur sofra danni materjali fit-termini tal-Artikolu

[6] fols.80-81

[7] PA Citazz.1945/1998/1 ***Onor.Dr.George Vella vs Noel Grima*** deciza 28 ta’ Marzu 2003

1045 (1) tal-Kap16. Illi in propositu ghandu relevanza qawwija id-dispost ta' dan l-artikolu tal-ligi, li jiddefenixxi n-natura tad-danni rekalmabbli that l-artikoli in disamina. Minn din id-disposizzjoni kif ukoll mill-insenjament gurisprudenzjali, johrog car li d-danni li jistghu jigu reklamati that dan ir-regim legali huma dawk komunament maghrufa bhala *damum emergens* – u cioe' t-telf attwali ta' parti mill-patrimonju tad-danneggjat, u bhala *lucrum cessans* – u cioe' it-telf ta' qligh li d-danneggjat ser isofri fil-futur, b' kaz ta' disabilita' permanenti, rizultat tad-dannu lilu kaggjonat. Il-ligi taghna ma tikkontemplax danni morali, u cioe' danni ghall-ugigh jew dwejjaq jew inkonvenjenza li d-danneggajt jsofri rizultat tal-event dannus.

Illi r-relevanza tal-premessi konsiderazzjonijiet guridici ghall-kaz odjern tirrisjedi fil-fatt li f' dan il-kaz l-attur qed jippretendi li jigi risarcit ukoll ghall-hsara li sofra *"b' konsegwenza dirett tar-reat ta' malafama",* minghajr ma pprova jew almenu spjega fix tikkonsisti din il-hsara. Kif fuq spjegat, il-ligi ma takkordax danni morali, imma takkorda biss danni reali bazati fuq telf patrimonjali kif fuq spjegat, wara li dawn jigu sufficjentement provati. Anke ghal dik li huwa sejjah hsara materjali konsistenti f' hela ta' hafna mill-hin lavorattiv tieghu, l-attur ma gabx provi sufficjenti dwar din il-pretensjoni; izda semplicement ppretenda li din il-Qorti, wara li tiehu konjizzjoni ta' certu cirkostanzi ta' fatt relatati mal-incident, **minghajr provi konkreti dwar d-danni *ut sic*** minnu allegati tiddecidi, allura *in vacuo*, s-somma li ghandha tinghata lilu rappresentanti dawn id-danni.!

F' materja ta' danni emergenti ftit hemm lok ghal diskrezzjoni *arbitrio boni,* stante li dawn id-danni minn natura taghhom ghandhom jirrizultaw b' mod konkret u car mill-provi mressqa mill-attur li ghandu l-oneru tal-prova b' applikazzjoni tal-principju fundamentali f' materja ta' prova li min jallega ghandu jipprova: *onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat* u *quod gratis asseritur gratis negatur*.

In propositu ghall-komputazzjoni tad-danni l-Qorti tirrileva li huwa d-dover taghha li thares kemm l-interessi tad-danneggjat kif ukoll dawk tad-danneggjant u tasal ghall-ammont li jirrapprezenta bilanc ekwu u gust bejn iz-zewg interessi;  izda, l-ammont ghandhu dejjem ikun bazat fuq provi konkreti u cari li juru b' mod dettaljat u sodisfacenti d-*damnum emergens* konsistenti telf finanzjarju attwalment soffert mid-danneggjat rizultat tal-agir illegali tad-danneggjant li minn naha tieghu ghandu d-dritt jkun jaf fuq liema kriterji finanzjarji hija bazata s-somma li ser ikun obbligat jhallas

F' dan il-kaz, l-attur naqas li jgib provi sodisfacenti li juru li huwa sofra danni skond il-ligi, u in manakanza ta' tali prova, t-talbiet tieghu bazati fuq risarciment tad-danni huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt – *actore non probante reus absolvitur.*

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel talba limitatament ghall-parti dikjarattorja tal-esistenza tal-fatt tal-ingurja gravi kommessa mill-konvenut fil-konfront tal-attur, tichad it-talbiet attrici ghall-kumplament.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur, u terz (1/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------